MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Numru. 170/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**KONTRA**

**NIKOLA DIMITROV NIKOLOV ta' 40 sena, iben Nicola u Blaga nee' Petkova, imwieled il-Bulgarija nhar it-22 ta' Settembru, 1971, residenti fil-fond 317, Dorirose, Flat 1, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 68365A;**
**U BLAGA MILKOVA PETKOVA ta' 37 sena, bint Milko u Zorka nee' Dimitrova, imwielda l-Bulgarija nhar it-12 ta' Marzu, 1975, residenti fil-fond numru 317, Dorirose, Flat 1, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 43718A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Nikola Dimotrov Nikolov** u **Blaga Milkova Petrova** li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Marzu, 2012 u matul it-tminn xhur ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti u f'postijiet diversi madwar Malta:

1. Ikkultivaw il-pjanta cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkommettew reat li jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni, jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri, lil mara tqila, jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputati fl-istadju tal-interrogatorju mal-prezentata b'arrest, u dan wara li gew moghtija zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerghu jahsbu dwar l-istess.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputati ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u anke wara li rat li kkoperaw mal-Prosekuzzjoni u rat ukoll il-fedina penali taghhom;
Wara li rat l-Artikoli 8(c) u 22(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputati **Nikola Dimitrov Nikolov** u **Blaga Milkova Petkova** hatja, u tikkundannahom piena ta' prigunerija effettiva ta' zmien 3 snin kull wiehed;
Tikkundannahom ukoll ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' €1,000 kull wiehed.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, u tordna komunika lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali ghal dan l-iskop.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------